# KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**


## MINUTI

Laqgħa b'URĠENZA tal-Kunsill Lokali Ħal Għargħur

ID-DISA' LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 09

Data tal-laqgħa: 6 ta Jannar, 2025

*Il-Kunsill Lokali Ħal Għargħur ltaqa' nhar it-Tnejn, 6 ta' Jannar 2025 fil-5.30p.m.*

| ***Preżenti*** | ***Membri*** |
|---|---|
| Sindku | Helen Gauci |
| Viċi Sindku | Francesca Attard |
| Kunsillieri | Mariah Meli<br>Christopher Fenech **(SKUŻAT)**<br>Marilena Hassan |
| Deputat Segretarju Eżekuttiv | Jeanette Galea |

Il-laqgħa bdiet fil-5.30p.m. billi ntqalet it-talba.

**09/01** **Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

**09/01/01** Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv ressqet l-ittra t'apoloġija mingħand il-Kunsillier Christopher Fenech fejn kien qed jinforma lill-Kunsill li ma setax jattendi għal din il-laqgħa.

**09/01/02** Il-Kunsilliera preżenti approvaw din l-ittra ta' apoloġija.

**09/02** **GLC/02/2024 – Sejħa għal Servizz ta' Accountant għal Kunsill Lokali tal-Għargħur**

**09/02/01** Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsilliera preżenti kif il-bord ta' l-evalwaturi kompost mill-Kunsilliera Francesca Attard, Marilena Hassan u Mariah Meli flimkien mad-Deputat Segretarju Eżekuttiv kienu ltaqgħu nhar it-Tnejn 9 ta' Diċembru 2024 sabiex jevalwaw l-offerti li kienu ġew sottomessi sad-data ta' l-għeluq.

**09/02/02** Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv spjegat kif waħda mill-offerti kellha dokument nieqes u għal din ir-raġuni l-bord qabel li għandha tintbagħat kjarifika lill-*bidder*. Peress li tweġiba lura ma ntgħ atatx sad-data stipulata, il-bord mexxa bl-evalwazzjoni.

**09/02/03** Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-orħos offerta kienet dik ta' Borg Galea Audit Ltd u għal din ir-raġuni ser ikunu qed jintbagħtu l-ittri uffiċċjali lil kull *bidder* dwar dan u jkollhom għ axart ijiem ċans li jappellaw din id-deċiżjoni.

**KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR**

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

**09/02/04** Il-Kunsilliera approvaw ir-rapport ta' l-evalwazzjoni b'mod unanimu.

**09/03 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

**09/03/01** Il-laqgħa spiċċat fis-6:35p.m. wara li l-*items* fuq l-*Agenda* ġew eżawriti u d-Deputat Segretarju Eżekuttiv fakret lill-Kunsilliera fid-data tal-laqgħa tal-Kunsilli li jmiss, ta' nhar il-Ġimgħa 10 ta' Jannar 2025, fil-5:30pm.

**Helen Gauci**
**Sindku**

**Jeanette Galea**
**Deputat Segretarju Eżekuttiv**